**9 ta' Novembru, 1959**
**Imħallfin:—**
**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Domenico Abela ne.

*versus*

Saveria Abela

**Separazzjoni Personali — Abbandun — Inġurja Gravi — Divorzju — Kustodja tat-Tfal — Lista tax-Xhieda — Dikjarazzjoni — Ġudikat — Art. 68 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 178 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.**

*Eċċezzjoni li tikkoinvolġi u terġa tqajjem fis-sustanza kwistjoni identika li ġiet deċiża f'kawża oħra bejn l-istess partijiet ma tistax tiġi eżaminata u deċiża; għax għal dan josta l-ġudikat.*

*Għalkemm il-liġi ma tirrikjedix espressament illi l-lista tax-xhieda għandha tingħata per mezz ta' nota jew xi skrittura oħra, hi teżiġi però li dik il-lista tingħata fid-dikjarazzjoni, li hija skrittura, att ġudizzjarju, li għaliha hi applikabbli r-regola proċedurali li għandha tiġi firmata mill-avukat u anki, meta jkun hemm, u żgur meta tiġi presentata minn prokuratur legali, minn dan il-prokuratur legali. Għaldaqstant, jekk il-lista tax-xhieda ssir wara li tkun saret u ġiet firmata d-dikjarazzjoni, anki l-lista tax-xhieda għandha tkun firmata kif tkun ġiet firmata d-dikjarazzjoni li tikkontjeni l-espożizzjoni tal-fatti.*

*Fis-sistema tal-liġi tagħna, għad illi l-permess tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja huwa preliminari essenzjali għat-*

*talba ta' separazzjoni personali quddiem il-Qorti Kontenzjuża, il-kawża tas-separazzjoni tibda minn meta tiġi preżentata ċ-ċitazzjoni, u mhux minn meta jsir ir-rikors għal dak il-permess. Għaldaqstant, talba għas-separazzjoni personali bażata fuq l-abbandun, ma tistax tingħad li jonqosha l-kawżali tal-abbandun, billi dan ma kienx ilu sentejn meta ġie mogħti l-permess mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, jekk dawn is-sentejn kienu għaddew meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni fil-Qorti Kontenzjuża.*

*Jekk mbgħad il-konjuġi li abbanduna lill-konjuġi l-ieħor kellux raġuni ġusta għal dak l-abbandun, din hija kwistjoni ta' fatt u ta' apprezzament tal-provi; b'mod illi, jekk si tratta minn mara li ma riedetx issegwi lill-żewġha f'pajjiż ieħor fejn huwa mar għax-xogħol, u ma kellhiex raġuni ġusta biex ma ssegwix lill-żewġha, hemm l-abbandun li jagħti lok għas-separazzjoni personali li jitlob ir-raġel kontra tagħha.*

*Huwa veru illi l-fatt li r-raġel fil-pajjiż barrani jistitwixxi proċeduri tad-divorzju kontra martu li qegħdha Malta, u mbgħad jabbanduna dawk il-proċeduri, jikkommetti nġurja gravi; però dan iseħħ biss meta r-raġel ikun in mala fede; b'mod illi jistgħu jikkonkorru fil-każ partikulari ċirkustanzi illi, mingħajr ma jikkondonaw jew inaqqsu l-iżball kbir tar-raġel, ma jistgħux jinduċu li kien hemm da parti tar-raġel dik l-inġurja gravi li tiġġustifika l-allegazzjoni tal-mara li anki hu rrenda ruħu ħati versu lejha ta' tort li jelimina l-ħtija tagħha.*

*Għal dak li jirrigwarda l-kustodja tat-tfal, ir-regola hi li din għandha tingħata lill-konjuġi li fuq it-talba tiegħu ġiet pronunzjata s-separazzjoni personali; dan però jseħħ sakemm il-Qorti, għall-aħjar tal-istess tfal, ma tagħtix provvedimenti diversi; b'mod illi l-Qorti, avvolja dak il-konjuġi jkun rebaħ il-kawża, tista' tagħti provvedimenti dwar il-kustodja tat-tfal li ma jkunux konformi għar-regola riferita.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza preċedenti tagħha tad-19 ta' Ġunju 1955, fejn jinsabu miġjuba t-talbiet tal-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta; jinsabu wkoll riportati s-sentenzi tal-Ewwel Qorti tat-8 ta' Mejju 1957 u tad-19 ta' Frar 1959, li minnhom hu dan l-appell;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Dwar l-appell mis-sentenza tat-8 ta' Mejju 1957;

B'din is-sentenza ġiet milqugħa mill-Ewwel Qorti l-kontro-eċċezzjoni tal-ġudikat opposta mill-attur nomine għall-eċċezzjoni tal-konvenuta mogħtija bin-nota tagħha fol. 68, li tgħid hekk:— "Li l-attur mhux persuna leġittima biex jagħmel din il-kawża, billi l-awtorizzazzjoni ottenuta mis-Sekond'Awla hija ineffikaċi, għaliex saret per mezz ta' mandatarju, u mhux personalment, u għaliex din il-kawża ma tistax issir per mezz ta' mandatarju";

Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tiddissenti mill-konklużjoni li waslet fiha l-Ewwel Qorti, fis-sens, ċjoè, illi l-eċċezzjoni fuq imsemmija tal-konvenuta tikkoinvolġi u terġa tqajjem *fis-sustanza l-identika kwistjoni li kienet ġiet* ġa deċiża bejn l-istess partijiet bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina tas-16 ta' Ġunju 1956, li għaddiet ġudikat;

F'dik il-kawża, il-konvenuta (bħala attriċi) kienet talbet, fil-kontestazzjoni tal-attur fl-istess kwalità tiegħu, dikjarazzjoni tan-nullità u ineffikaċja tal-awtorizzazzjoni mogħtija lilu mis-Sekond'Awla biex jistitwixxi l-kawża preżenti ta' separazzjoni f'isem ibnu, għar-raġuni illi t-tentattiv ta' rikonċiljazzjoni ma sarx bejn *il-miżżewġin* personalment, u dik l-awtorizazzjoni ma setgħetx tintalab per mezz ta' mandatarju. Din it-talba, bis-sentenza fuq imsemmija, ġiet miċħuda;

Issa l-konvenuta, bl-eċċezzjoni mogħtija minnha fil-kawża preżenti kif fuq intqal, qegħdha terġa ssostni illi l-attur nomine mhux persuna leġittima biex jagħmel il-kawża preċiżament għall-istess identika raġuni li kienet l-oġġett u l-kawżali tat-talba tagħha fil-kawża l-oħra, ċjoè l-allegata nullità u ineffikaċja tal-awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla, għaliex ġiet mogħtija fuq talba ta' mandatarju;

Sa hawnhekk mhux biss is-sentenza, iżda saħansitra t-termini testwali tal-kwistjoni huma identiċi. Il-konvenuta, però, tissottometti li hemm distinzjoni bejn dak li ġie deċiż fil-kawża l-oħra u l-eċċezzjoni tagħha f'din il-kawża; għaliex, mentri fil-kawża l-oħra hija mpunjat bħala nulla l-"awtorizzazzjoni" mogħtija mis-Sekond'Awla, f'din il-kawża hi qegħdha timpunja l-validità ta' l-"istituzzjoni tal-azzjoni". Fil-fehma tal-Qorti, din hi, fil-każ preżenti, distinzjoni bla differenza. Il-kwistjoni fiż-żewġ kawżi hi jekk proċeduri ta' separazzjoni personali, inkluż fihom il-pass preliminari indispensabbli tal-otteniment tal-awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla, jistgħux isiru per mezz ta' mandatarju. Bis-sentenza fil-kawża l-oħra din il-kwistjoni ġiet deċiża f'sens affermattiv. It-talba li l-attur nomine kien għamel fis-Sekond'Awla (ara rikors tiegħu Dig. Nru. 921/1954) kienet "li jiġi awtorizzat jipproċedi quddiem il-Qorti kompetenti għas-separazzjoni personali ta' ibnu minn l-intimata martu, li abbandunatu, u dan għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi". Din it-talba ġiet milqugħa. Issa, bis-sentenza fil-kawża l-oħra ġie appuntu deċiż li dik l-awtorizzazzjoni, hekk ottenuta, kienet valida, u effikaċi, ċjoè ġie deċiż illi l-attur, bħala mandatarju ta' ibnu, "ġie validament awtorizzat, u kwindi seta' jistitwixxi din il-kawża f'isem ibnu";

Jista' wkoll jiġi osservat illi dik il-kawża l-oħra saret fil-kors u bħala inċident ta' "din" il-kawża, u l-oġġett u skop tagħha kien dak li jwaqqa' l-proċeduri ta' "din" il-kawża; u fiż-żewġ każi l-mezz difensjonali fis-sens ta' kwistjoni legali nvoluta kien l-istess wieħed, ċjoè li proċeduri ta' separazzjoni personali ma jistgħux isiru per mezz ta' mandatarju;

Għalhekk, l-appell tal-konvenuta mis-sentenza appellata tat-8 ta' Mejju 1957 hu miċħud, u dik is-sentenza hi konfermata; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

Ikkunsidrat, dwar l-appell mis-sentenza tad-19 ta' Frar 1959;

L-ewwel lanjanza tal-appellanti hija illi, kuntrarjament għal dak li rriteniet l-Ewwel Qorti, iċ-ċitazzjoni għan-

dħa tiġi ritenuta nulla għaliex il-lista tax-xhieda fid-dikjarazzjoni annessa magħha ma ġietx iffirmata minn prokuratur legali;

Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti illi l-eċċezzjoni hekk formulata ma hix sostenibbli. La fiċ-ċitazzjoni, u lanqas fid-dikjarazzjoni annessa magħha, ma hemm ebda difett. Talvolta, kieku kien hemm nullità għar-raġuni sottomessa mill-appellanti, din setgħet taffetta l-"lista tax-xhieda nnfisha" li fil-każ preżenti ma hix materjalment inkorporata fid-dikjarazzjoni, imma ma tistax taffetta ċ-"ċitazzjoni" u l-istess dikjarazzjoni, li fihom innfishom għandhom il-forma u r-rekwiżiti kollha preskritti mil-liġi;

Kien ċertament għalhekk li l-konvenuta, subordinatament għall-eċċezzjoni fuq imsemmija, u fil-każ li jiġi ritenut illi ma hemmx nullità taċ-ċitazzjoni, opponiet illi, fi kwalunkwe każ, il-lista tax-xhieda hi ineżistenti, u għalhekk għandhom jiġu sfilzati mill-proċess it-testimonjanzi tax-xhieda kollha indikati f'dik il-lista;

Bir-rispett, din il-Qorti ma taqbelx għal kollox ma' dak li jingħad dwar dan il-pont fis-sentenza appellata. Veru illi l-liġi ma tgħidx espressament illi l-ismijiet tax-xhieda għandhom jiġu mogħtija "per mezz ta' nota jew xi skrittura"; iżda l-liġi tirrikjedi illi dawk l-ismijiet jingħataw "fid-dikjarazzjoni", li ċertament hi skrittura, att ġudizzjarju li għalih hu applikabbli l-art. 178 tal-Kodiċi tal-Proċedura. Issa, bħala mod ta' redazzjoni, l-ismijiet tax-xhieda bl-indikazzjoni tal-oġġett tal-prova ta' kull wieħed minnhom, jistgħu jitniżżlu immedjatament wara l-espożizzjoni tal-fatti fid-dikjarazzjoni, u ssir firma darba fl-aħħar li tkopri tant l-espożizzjoni tal-fatti kif ukoll l-ismijiet tax-xhieda. Il-prattika, però, aktarx hi illi d-dikjarazzjoni bħala espożizzjoni tal-fatti tiġi firmata għaliha, mbgħad, immedjatament wara, titniżżel il-lista tax-xhieda. Meta jsir hekk, hi fehma ta' din il-Qorti, illi l-lista tax-xhieda għandha wkoll tkun firmata bl-istess mod li tkun ġiet iffirmata l-parti tad-dikjarazzjoni li tikkontjeni l-espożizzjoni tal-fatti. Il-firmi fi skrittura huma meħtieġa bħala siġill tal-awtentiċità tagħhom, u l-lista tax-xhieda bl-oġġett tal-prova, jekk ma tkunx koperta bil-firmi li jkopru l-espożiz-

zjoni tal-fatti skond l-ewwel mod ta' redazzjoni fuq imsemmi, jeħtieġ li ġġib il-firmi għaliha bħala sinjal tal-awtentiċità tagħha. Kif jidher ċar mil-liġi, l-indikazzjoni talismijiet tax-xhieda u tal-oġġett tal-prova li trid issir bihom għandha mportanza kbira u konsegwenzi serji, u ma tistax evidentement titniżżel bħala ħaġa barranija għaddikjarazzjoni tal-fatti bla firmi li jkopruha;

Issa, il-liġi trid (art. 178) illi l-iskritturi jkunu ffirmati minn avukat u anki, meta jkun hemm (ċjoè almenu żgur meta jiġu ppreżentati minnu), minn prokuratur legali (salva eċċezzjoni li ma tinteressax il-każ preżenti). Fil-fehma tal-Qorti, dan jgħodd ukoll għal-lista tax-xhieda;

Fil-każ preżenti, iċ-ċitazzjoni u d-dikjarazzjoni biddokumenti annessi, ġew preżentati mill-prokuratur legali; iżda, waqt illi ċ-ċitazzjoni u d-dikjarazzjoni, sa fejn tikkontjeni l-espożittiva tal-fatti, ġew regolarment firmati tant mill-avukat kemm mill-prokuratur legali, il-lista taxxhieda ġiet iffirmata, evidentement bi żvista, mill-avukat biss. Minħabba dan, din il-Qorti kienet tkun inklinata tirritjeni illi dik il-lista tax-xhieda ma hix debitament firmata kif trid il-liġi, li kieku ma kienx għal din iċ-ċirkustanza partikulari għall-każ preżenti li sejra tingħad;

Immedjatament taħt il-lista tax-xhieda, fuq l-istess wiċċ tal-karta, hemm miġjuba in-"nota tad-dokumenti" u "riferenza għall-prokura eżibita fis-Sekond'Awla". Kull waħda minn dawn hi regolarment firmata tant mill-avukat kemm mill-prokuratur legali. Għad illi kull koppja ta' dawn il-firmi, strettament, hi approprjata għal dik il-parti tal-iskrittura li għaliha ġew affissi, b'dan kollu l-Qorti ma teżitax li tirritjeni illi, meħud rigward għall-iskop li għalieh il-liġi teġiżi l-firmi kif fuq intqal, din l-abbundanza ta' firmi fil-każ preżenti, sussegwenti għal-lista tax-xhieda u fl-istess karta, tissupplixxi ampjament għan-nuqqas ta' firma speċjalment affissa għal dik il-lista;

Dwar l-obbjezzjoni tal-appellata għax-xhieda ta' Carmelo Psaila u tal-attur John Abela, din il-Qorti ma tħossx li għandha bżonn iżżid xejn ma' dak li jingħad fis-sentenza appellata. Carmelo Psaila xehed l-ewwel darba (fol. 44),

prodott mill-konvenuta. Meta hu xehed it-tieni darba (fol. 44), prodott mill-attur, dan kien fuq inċident li ġara wara li ġa kienet bdiet il-kawża, u din il-Qorti taċċetta impliċitament id-dikjarazzjoni li hemm fis-sentenza appellata li dan sar bil-permess tal-Qorti, għad li ma ġiex reġistrat ebda verbal jew mogħti ebda digriet appożitu. Kwantu għal John Abela, dan hu l-attur li f'ismu qegħdha ssir il-kawża. Apparti kull raġuni oħra, l-indikazzjoni tal-"attur biex jikkonferma d-dikjarazzjoni" fil-lista tax-xhieda annessa mad-dikjarazzjoni (fol. 3 tergo) kienet indubbjament tapplika wkoll għall-attur personalment (anzi għalieh biss), u dan kellu kull dritt li jixhed meta rritorna Malta u assuma l-attijiet tal-kawża f'lok il-mandatarju tiegħu;

Ikkunsidrat, fuq il-meritu;

Iċ-ċitazzjoni tal-attur f'din il-kawża għandha bħala unika kawżali tagħha l-abbandun inġust tiegħu da parti tal-konvenuta "għal sentejn sħaħ". Kif ġie konstatat fis-sentenza preċedenti ta' din il-Qorti (fol. 231), l-attur wasal l-Amerika bħala emigrant fit-30 ta' Ottubru 1952. u kien telaq minn Malta fil-15 ta' Ottubru tal-istess sena. Ġie konstatat ukoll illi, meta l-attur ottjena l-awtorizzazzjoni mis-Sekond'Awla biex jagħmel din il-kawża, kienu għadhom ma għaddewx sentejn. Il-konvenuta, għalhekk, issostni illi t-talba tal-attur, motivata kif fuq intqal, ma tistax isseħħ, għax l-abbandun, biex ikun raġuni legali ta' separazzjoni personali, irid ikollu r-rekwiżiti kollha, fosthom partikolarment id-durata meħtieġa, meta tibda l-kawża tas-separazzjoni, u l-kawża għandha titqies li tinbeda meta tiġi mitluba, jew almenu meta tiġi mogħtija, l-awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla;

Din il-kwistjoni hi diversa minn dik li ġiet ġa deċiża bis-sentenza preċedenti ta' din il-Qorti. Hemmhekk il-kwistjoni kienet tirrigwarda l-validità tal-awtorizzazzjoni mogħtija mis-Sekond'Awla; issa l-kwistjoni tolqot direttament il-meritu, fis-sens illi, skond il-pretensjoni tal-konvenuta, tonqos il-kawżali dedotta bħala bażi tal-azzjoni, ċjoè ma hemmx l-abbandun għal, mill-anqas, sentejn;

Mhux kontestat mill-konvenuta illi s-sentejn kienu

għaddew meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, fl-4 ta' Frar 1955. Fil-fehma tal-Qorti, fis-sistema tal-liġi tagħna, għad illi l-permess tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja huwa preliminari essenzjali għat-talba ta' separazzjoni quddiem il-Qorti kompetenti, il-"kawża" ta' separazzjoni tibda meta ssir iċ-ċitazzjoni quddiem din l-aħħar Qorti; għalhekk lanqas din id-deduzzjoni tal-konvenuta ma tista' tiġi milqugħa;

Tibqa' l-kwistjoni jekk l-abbandun, konsistenti fir-rifjut tal-konvenuta li ssegwi lill-attur żewġha, kienx min-għajr kawża ġusta;

Din hija kwistjoni purament ta' fatt u ta' apprezzament tal-provi, dipendenti partikolarment mill-kredibbilità tax-xhieda; u din il-Qorti ma ssibx raġuni — u trid tkun raġuni gravi — biex tiddisturba l-konklużjoni li waslet fiha l-Ewwel Qorti, li semgħet ix-xhieda quddiemha. Forsi biż-żejjed jingħad illi l-allegazzjonijiet tal-konvenuta, ta' kondotta ħażina versu lejha u maltrattament da parti tal-attur, huma inkonsistenti maċ-ċirkustanzi tas-safar ta' żewġha kif ġraw, u li kull fejn dawk l-allegazzjonijiet tagħha setgħu jiġu kontrollati bi provi oħra indipendenti, prodotti minnha stess jew mill-attur, l-istess allegazzjonijiet jinsabu kontraddetti. Il-konvenuta, li meta xehdet (fol. 60) allegat li l-attur, malli wasal l-Amerika, beda jiktbilha ħafna ittri bi ġlied "li kienu għadhom għandha d-dar", naqset li tipproduċi mqar waħda minn dawn l-ittri. Hi, li allegat fid-dikjarazzjoni annessa man-nota tal-eċċezzjonijiet tagħha kull xorta tal-agħar akkużi kontra żewġha, inkluż l-adulterju, u qalet li hu "kien magħruf għad-dagħa mill-ġirien", u allegat saħansitra li żewġha kien iħajjarha għall-prostituzzjoni, ma ġiebet ebda ħjiel ta' prova barranija, non ostante l-indikazzjoni ta' numru konsiderevoli ta' xhieda;

Għalhekk din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti illi l-abbandun da parti tal-konvenuta ma kienx ġustifikat, u li kwindi l-attur għandu raġuni legali ta' separazzjoni mill-konvenuta;

Il-konvenuta, però, tissottometti illi anki l-attur, fil-pendenza ta' din il-kawża, irrenda ruħu ħati lejha ta' ngur-

ja gravi billi f'pajjiż barrani istitwixxa proċeduri ta' divorżju kontra tagħha. Huwa veru li ġie ritenut fil-Qrati Taljani illi "la domanda di divorzio proposta in pease straniero contro il coniuge italiano costituisce una ingiuria grave determinante la separazione personale" (Fadda, art. 150-151, no. 376). Iżda, jikkommenta l-Azzolini, ċitat mill-istess konvenuta (La Separazione Personale dei Coniugi, U.T.E.T. p. 97), "la proposizione di domanda di divorzio, di nullità dei matrimonio, e di separazione, può costituire ingiuria se avvenga in mala fede, con animo di vessare e denigrire il coniuge". Fil-każ preżenti, din il-Qorti, mingħajr ma tixtieq bl-ebda mod tikkondona jew tnaqqas l-iżball kbir li għamel l-attur, ma tistax, minn naħa l-oħra, ma tieħux f'konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi partikulari li rriżultaw. L-attur, li kien ilu f'art imbegħda, fejn mar għaxxogħol biex jimmiljora l-pożizzjoni tiegħu u tal-familja, nieqes għal ħames snin mill-kumpannija ta' martu u tal-unika bintu minħabba r-rifjut inġustifikat tal-istess martu li tmur miegħu, għad li kienet qabel hekk wegħditu, ħa l-parir ta' avukat hemmhekk kif seta' jagħmel biex jista' jieħu lill-bintu miegħu. Hu assigura l-Qorti illi din kienet l-unika raġuni li għaliha beda dawk il-proċeduri. Infatti, malli sar jaf minn Malta illi l-pass żbaljat li kien għamel seta' jagħti lok għal interpretazzjoni oħra, u li l-konvenuta kienet qegħedha f'din il-kawża tinvoka dak il-pass bħala argument favur tagħha, hu ċeda minnufih dawk il-proċeduri. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tattribwixxi lill-fatt inkonsult tal-attur il-karattru ta' gravità reklamat mill-konvenuta. Dana kollu apparti l-fatt illi l-iżball tal-attur ġara wara li kienu ilhom li bdew il-proċeduri ta' din il-kawża u kienet ilha li mmaturat ruħha r-raġuni li tintitola lill-attur jitlob is-separazzjoni minn martu għall-ħtija tagħha. Kieku anki l-fatt tal-attur kellu "ex hypothesi" jitqies li jikkostitwixxi nġurja gravi, dan ma kienx jelidi jew jikkompensa l-ħtija tal-konvenuta b'mod li jeskludi t-talba ta' separazzjoni magħmula mill-attur;

Ikkunsidrat;

Kwantu għall-effetti tas-separazzjoni, din il-Qorti lanqas jidhrilha li għandha tiddisturba d-diskrezzjoni wżata mill-Ewwel Qorti. L-aktar kwistjoni li ġiet enerġikament

dibattuta fit-trattazzjoni tal-appell u fl-iskritturi eżibiti kienet dik li tirrigwarda l-kustodja tat-tifla minuri tal-kontendenti;

Ir-regola ġenerali, stabbilita mil-liġi (art. 68 Kod. Ċiv.), hija illi l-kustodja tat-tfal għandha tingħata lill-konjuġi li fuq it-talba tiegħu tkun ġiet pronunzjata s-separazzjoni, ammenokkè l-Qorti, għall-aħjar tat-tfal innfushom, ma tordnax xort'oħra. Fil-każ preżenti, l-Ewwel Qorti deħrilha, għar-raġunijiet esposti fis-sentenza appellata, li ma kellhiex tagħti l-kustodja tat-tifla f'idejn l-attur, għad li rebaħ il-kawża. L-attur insista quddiem din il-Qorti illi dan id-dinjeg ma hux ġustifikat, u qal illi hu jinsab f'pożizzjoni li jagħti edukazzjoni u trobbija aħjar lill-bintu anki f'kulleġġ kattoliku, bi prospetti wisq aktar tajba anki għall-ħajja futura tagħha. Kwantu mbgħad għall-proċeduri ta' divorzju li hu kien istitwixxa, iċ-ċirkustanzi tal-istituzzjoni tagħhom ġew issa spjegati, u fi kwalunkwe każ dawk il-proċeduri issa ġew skontinwati. B'dan kollu, fuq l-appell tal-konvenuta, din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tilqa' s-sottomissjoni tal-attur, salv kull provvediment ieħor li l-Ewwel Qorti tista' tagħti l-quddiem skond il-liġi għall-aħjar interess tat-tifla, li qegħdha tikber;

Mill-banda l-oħra, il-konvenuta appellanti tissottometti illi t-tifla għandha tibqa' magħha, u li l-ordni tal-Ewwel Qorti biex it-tifla titqiegħed f'istitut mhux ġustifikat. Għad illi fil-liġi tagħna ma hemmx id-dispożizzjoni espressa li kien hemm fil-Kodiċi Ċivili Taljan, fis-sens illi t-tribunal jista' "per gravi motivi" jordna illi t-tfal jitqegħdhu f'istitut ta' edukazzjoni jew ma' terzi persuni (art. 154), ċertament l-istess prinċipju japplika. Ma jistax ikun hemm dubju illi, meta l-ħajja tad-dar mal-ġenituri hi tajba, l-aħjar trobbija hi dik mal-familja, u l-kollokament tat-tfal f'istitut jikkostitwixxi miżura ta' karattru eċċezzjonali li tittieħed biss f'każijiet għal kollox speċjali. Il-Qorti, indubbjament, taqbel ma' dak li rrilevat il-konvenuta, fuq l-awtorità tal-Azzolini ġa fuq ċitat, ċjoè illi "l'affidamento ad un istituto di educazione . . . . non può costituire la sistemazione ideale dal punto di vista dell'interesse dei figli, sottratti al loro ambiente naturale, e privati dell'insostituibile affetto ed assistenza dei più intimi congiunti. Tanto meno poi lo è

dal punto di vista dei genitori, inevitabilmente delusi e mortificati per la 'diminutio' loro inflitta". B'dan kollu, fil-każ preżenti, din il-Qorti tħoss illi l-provvediment mogħti mill-Ewwel Qorti ma kienx inġustifikat, minħabba ċ-ċirkustanzi speċjali. Apparti mir-raġunijiet mogħtijin fis-sentenza appellata, il-missier il-lum jinsab permanentement residenti barra minn Malta. Ċertament, mhix ħaġa, la tajba għat-tifla, u lanqas ġusta għall-attur, illi t-tifla tinqata' minn kull kuntatt miegħu u titrabba bħal li kieku ma kellhiex missier. Sakemm ma jingħatawx eventwalment provvedimenti oħra, u t-tifla tkun f'istitut, il-kuntatt mal-missier per mezz ta' korrispondenza, almenu mas-superjuri, dwar it-tifla hu aktar faċli li jkun assigurat, kif ukoll ikun aktar faċli li jibqa' kuntatt mat-tifla fuq termini ta' ugwaljanza familjari da parti tal-familja tal-attur, milli jekk it-tifla tkun taħt il-kustodja u f'kuntatt esklużiv mal-omm, kif turi l-esperjenza tal-imgħoddi;

Għal dawn il-motivi, l-appell tal-konvenuta ma jistax jiġi milqugħ, u din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-appellanti.